MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2198/2004

**World Travel and Tourism Ltd**

**Vs**

**Hi Timber Co Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm159.18 (mija disgha u hamsin Lira Maltin u tmintax-il centezmu) dovuti bhala prezz ta' biljetti ta' l-arju mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjes u interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-3 ta’ Gunju 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fl-20 ta’ Gunju 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------